Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 130/1995/1

**Reverendu George Schembri**

**Vs**

**Igor Moscalenko**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Jannar 1995 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-12 ta' Marzu 1994 kien gie ffirmat bejn il-kontendenti ftehim (Dok. A) li permezz tieghu l-attur kellu jesegwixxi ghall-konvenut certi xoghlijiet fil-proprjeta` tieghu li tinsab f' Nru. 405 Santa Maria Estate, Mellieha;

Premess illi waqt li l-attur kien qed jesegwixxi dawn ix-xoghlijiet ohra mhux indikati fil-ftehim, u ghalhekk l-attur ma setax ilesti x-xoghol kollu sat-12 ta' Gunju 1994 kif indikat fl-istess ftehim, u dana kien jafu l-konvenut billi meta beda jitlob *extra works*, l-attur gibidlu l-attenzjoni ghall-fatt li dana necessarjament kien jimplika dewmien biex jitlesta x-xoghol;

Premess illi ftit ta' xhur ilu, minghajr l-ebda raguni valida skond il-ligi, il-konvenut waqqaf lill-attur milli jkompli b' xoghlijiet skond il-ftehim u naqas milli jhallsu l-ammont kollu dovut ghax-xoghlijiet li kienu saru, u ghall-kummissjoni dovuta fuq dan l-istess xoghol, u ghax-xoghol extra u hallas biss lill-attur l-ammont ta' Lm9991.00,0;

Premess illi l-konvenut interpellat biex ihallas lill-attur il-bilanc ta' l-ammont kollu dovut lilu ghax-xoghlijiet li huwa kien ghamel, liema bilanc jammonta ghas-somma ta' Lm366.00,0, kif ukoll li jhallsu l-kummissjoni ta' erbgha fil-mija (4%) fuq ix-xoghol kollu skond il-ftehim u cioe` s-somma ta' Lm616.00,0, kif ukoll dik il-kummissjoni ta' erbgha fil-mija (4%) fuq ix-xoghlijiet extra li tammonta ghas-somma ta' cirka Lm720.00,0;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1702.00,0 jew somma ohra verjuri u dana ghar-ragunijiet fuq indikati okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b' konsegwenza tal-fatt li l-konvenut arbitrarjament u minghajr l-ebda raguni valida waqqaf il-ftehim ta' bejniethom;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra legali u ta’ Mandat ta’ Impediment tas-Safar Nru. 106/95 u Mandat ta’ Sekwestru /94 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta’ Mejju 1995, li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi huwa m’ ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex kien l-attur illi abbanduna l-appalt minghajr gusta kawza u ma lestiex ix-xoghlijiet, anzi huwa l-attur li ghandu jaghti lill-konvenut minhabba xoghol hazin kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dwar liema pretensjoni qed issir kontro-talba;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta:

Illi l-konvenut qed javalixxi ruhu mill-fakulta li taghtih il-ligi u qed jaghmel kontro-talba kontra l-attur;

Illi permezz ta’ ftehim tat-12 ta’ Marzu 1994, il-konvenut kien inkariga lill-attur rikonvenzjonat jezegwixxi xi xoghlijiet fil-villa tieghu f’ 405, Santa Maria Estate, Mellieha u kopja tal-ftehim qed jigi anness mal-kontro-talba bhala Dok. A;

Illi ai termini ta’ l-istess ftehim, l-attur obbliga ruhu illi jara illi x-xoghlijiet jitlestew fi zmien tlett xhur, u cioe sat-12 ta’ Gunju 1994 u kellu jiehu 4% mill-ispejjez sabiex jizgura illi dawn jitlestew sa din id-data izda dan naqas milli jaghmlu

ghaliex qabad u siefer u ghal ragunijiet ohra kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi wara li kienu nbdew ix-xoghlijiet elenkati fil-ftehim, il-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jesegwixxi certi xogholijiet extra fil-fond, liema xoghlijiet kienu biss accessorji ghal dawk elenkati;

Illi meta l-konvenut kien talab spjegazzjoni lill-attur ghal dan id-dewmien, dan qabad u siefer, u dan jammonta biss ghal abbandun tal-kuntratt min-naha ta’ l-intimat minghajr gusta kawza u ghalkemm il-konvenut interpellah permezz ta’ protest gudizzjarju datat 22 ta’ Lulju 1994 sabiex ilesti x-xoghlijiet, dan baqa’ ma lestihomx u lanqas irritorna sabiex ikompli x-xoghlijiet (Dok. B);

Illi l-konvenut diga` hallas lill-attur is-somma ta’ Lm9991;

Illi x-xoghlijiet ezegwiti mill-attur irrizultaw difettuzi u mhux skond is-sengha u l-arti kif jidher mic-certifikat peritali Dok. B mahrug mill-perit arkitett u inginier civili Paul Camilleri, u l-konvenut kellu jaghmel diversi xoghlijiet rimedjali sabiex jirranga x-xoghol difettuz, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talab ghalhekk il-konvenut rikonvenzjonant lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur abbanduna l-appalt minghajr gusta kawza;

2. Tiddikjara illi x-xoghlijiet ezegwiti mill-attur fil-villa 405, Santa Marija Estate, Mellieha kienu difettuzi u mhux skond l-arti u s-sengha;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut minhabba xoghol hazin ezegwit mill-attur rikonvenzjonat, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-attur ihallas dik is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 22 ta' Lulju 1994 kontra l-attur rikonvenzjonat;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha l-attur rikonvenzjonat eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' Igor Moscalenko huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif sejjer jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salve eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjari Dr. Mark Chetcuti u AIC Rene` Buttigieg biex ifittxu u jirrelataw dwar id-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat il-kopja ta' l-iskrittura ta' transazzjoni pprezentata mill-attur fis-seduta ta' 10 ta' Lulju 2002;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din l-istanza hi limitata f' dan l-istadju ghal kwestjoni ta' l-ispejjez tal-kawza. Jew ahjar biex din il-Qorti tati fidi u

ezekuzzjoni lit-transazzjoni milhuqa bejn il-kontendenti permezz ta' skrittura datata 5 ta' Lulju 2002;

F' din l-iskrittura, esebita a fol. 78, il-partijiet irrizolvew il-meritu tal-kawza principali u tal-kontro-talba billi ntlahaq qbil bejniethom illi l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1200) in sodisfazzjoni tal-pretensjonijiet ta' dan ta' l-ahhar. Jidher minn verbal fl-atti li dan il-hlas gie effettwat u kien baqa' biss pendenti l-kwestjoni ta' l-ispejjez tal-kawza (Ara verbal a fol. 106). Spejjez dawn, li dwarhom l-imsemmija skrittura kienet tahseb ghal hlas taghhom mill-konvenut;

Huwa pacifiku illi "*perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere*" (**Kollaz. Vol. X pagna 337**). Dan jirrientra fid-definizzjoni li l-ligi stess taghti lill-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili;

Kif, imbaghad, insenjat "it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"*hinc inde remissum*", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku." (**Kollez. Vol. XLIII P I p 418**);

Dan premess, gjaladarba wkoll it-transazzjoni *de quo* tirrivesti l-formalita` tal-kitba rikjesta mill-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, it-transazzjoni hekk milhuqa bejn il-kontendenti f' dan il-kaz ghar-rigward tal-kontroversja ta' bejniethom "ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f' gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza" (**Kollaz. Vol. XXXIV P III p 900**). Mhux il-kaz ghalhekk li din l-istess transazzjoni tigi disturbata;

Din il-Qorti ma tistax hlief taghti fidi lil din it-transazzjoni u ma tista’ izzid jew tnaqqas xejn minn dak bonarjament akkordat bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu sodisfatt u estint bonarjament bejn il-kontendenti permezz ta’ l-iskrittura ta’ transazzjoni tal-5 ta’ Lulju 2002, tipprovdi dwar il-kap ta’ l-ispejjez billi, bl-affermazzjoni ta’ l-istess skrittura ta’ ftehim, tordna li dawn jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------